Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 8 ta' Lulju 2025**
**(OR. en)**

**11343/25**

**PI 147**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 7 ta' Lulju 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 364 final |
| Suġġett: | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW Rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2011/77/UE li temenda d-Direttiva 2006/116/KE dwar it-terminu ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u ta' ċerti drittijiet relatati |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 364 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 364 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.7.2025
COM(2025) 364 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW**

**Rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2011/77/UE li temenda d-Direttiva 2006/116/KE dwar it-terminu ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u ta' ċerti drittijiet relatati**

MT MT

# Werrej


I. INTRODUZZJONI .......... 2

II. SFOND .......... 3

1. Sfond legali .......... 3

2. Valutazzjoni tal-ħtieġa possibbli għal estensjoni tat-terminu ta' protezzjoni tad-drittijiet għall-artisti tal-ispettakli u għall-produtturi fis-settur awdjoviżiv .......... 5

III. TRASPOŻIZZJONI U IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA FL-ISTATI MEMBRI .. 6

IV. L-IMPATT ĠENERALI TAL-ESTENSJONI TAT-TERMINU INTRODOTTA FID-DIRETTIVA TAL-2011 DWAR IT-TERMINU .......... 8

V. MIŻURI TA' AKKUMPANJAMENT .......... 10

1. Il-klawżola "tużah jew titilfu" .......... 11

3. Id-dispożizzjoni ta' rekord nadif .......... 15

4. Id-Dritt ta' Negozjar mill-Ġdid .......... 15

VI. KONKLUŻJONI .......... 16

# I. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva 2011/77/UE (id-"Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu" jew "id-Direttiva") li temenda d-Direttiva 2006/116/KE dwar it-terminu ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u ta' ċerti drittijiet relatati ġiet adottata fl-2011 sabiex ittejjeb il-protezzjoni tal-artisti tal-mużika u tal-produtturi tal-fonogrammi u ttejjeb is-sitwazzjoni soċjali tal-artisti tal-ispettakli. Id-Direttiva estendiet it-terminu ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-artisti tal-ispettakli u tal-produtturi fil-fonogrammi mill-ewwel pubblikazzjoni leġittima jew komunikazzjoni lill-pubbliku leġittima b'20 sena u introduċiet sett ta' miżuri ta' akkumpanjament immirati lejn l-ibbilanċjar mill-ġdid tal-pożizzjoni ta' negozjar tal-artisti tal-ispettakli fir-relazzjonijiet kuntrattwali tagħhom mal-produtturi.

Skont l-Artikolu 3(1), id-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu tirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta rapport sal-1 ta' Novembru 2016 li jivvaluta l-applikazzjoni tagħha fid-dawl tal-iżvilupp tas-suq diġitali akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposta għal emenda ulterjuri tad-Direttiva 2006/116/KE. Ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva, relatat mal-valutazzjoni tal-ħtieġa possibbli għal estensjoni tat-terminu ta' protezzjoni tad-drittijiet għall-artisti tal-ispettakli u għall-produtturi fis-settur awdjoviżiv, ġie ppubblikat fl-2020.

Il-pubblikazzjoni tard ta' dan ir-Rapport hija marbuta mal-aħħar żviluppi fil-liġi tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur u l-ħtieġa li jitqiesu r-regoli l-ġodda dwar ir-rimunerazzjoni tal-awturi u tal-artisti tal-ispettakli introdotti fid-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur fis-Suq Uniku Diġitali (minn hawn 'il quddiem id-Direttiva dwar is-Suq Uniku Diġitali – DSM, Digital Single Market)[1], adottata fl-2019. Id-Direttiva DSM fiha dispożizzjonijiet[2] li għandhom l-għan li jkomplu jtejbu l-pożizzjoni kuntrattwali tal-artisti tal-ispettakli, li ġew implimentati fl-Istati Membri f'dawn l-aħħar ftit snin. Is-servizzi tal-Kummissjoni jqisu li kien importanti li jitqiesu dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda, flimkien mal-iżviluppi tas-suq u teknoloġiċi fis-suq tal-mużika diġitali, sabiex tiġi vvalutata d-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu.

Is-sors ewlieni ta' informazzjoni li tappoġġa dan ir-rapport huwa studju mmirat (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Istudju")[3]. L-istudju huwa ppubblikat flimkien ma' dan ir-rapport. Dan jinkludi l-feedback tal-partijiet ikkonċernati miġbur permezz ta' stħarriġ online mmirat lejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti mis-settur tal-mużika (prinċipalment l-artisti tal-ispettakli, il-produtturi tal-fonogrammi u l-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar

[1] Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Awtur fis-Suq Uniku Diġitali, COM (2016) 593 final

[2] Il-Kapitolu 3 tad-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE

[3] Targeted study on the application of the Directive 2011/77/EU on the term of protection of copyright and certain related rights. Il-ġbir tad-data (riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni, stħarriġ, intervisti) għall-finijiet tal-Istudju sar fl-aħħar tal-2021 u fil-bidu tal-2022.

kollettiv (CMOs, Collective Management Organisations),[4] iżda wkoll it-tikketti tad-diski tad-dominju pubbliku, il-fornituri ta' servizzi online, id-distributuri u x-xandara), ikkomplementat minn sensiela ta' intervisti. Ir-riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni tal-istudju tkopri l-Istati Membri kollha u r-riċerka fuq il-post tkopri 18-il Stat Membru.

Barra minn hekk, is-servizzi tal-Kummissjoni ħadu azzjoni sabiex jikkomplementaw l-evidenza miġbura fl-Istudju permezz ta' sorsi disponibbli oħrajn, b'mod partikolari kuntatti mal-partijiet ikkonċernati u informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu. F'dan il-kuntest, sors komplementari ta' evidenza huwa l-Istudju tal-2018 ikkummissjonat mill-Kumitat JURI tal-Parlament Ewropew ("l-istudju tal-PE").[5] Dan l-istudju tal-PE eżamina s-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu f'diversi Stati Membri u kkunsidra xi effetti potenzjali fit-tul.

## II. Sfond

### 1. Sfond legali

Ix-xogħlijiet u materjal ieħor huma protetti bid-drittijiet tal-awtur għal perjodu ta' żmien limitat. It-"terminu ta' protezzjoni" għad-drittijiet tal-awtur u għad-drittijiet relatati huwa l-perjodu li matulu d-detenturi tad-drittijiet ikollhom drittijiet fuq ix-xogħlijiet tagħhom li huma protetti bid-drittijiet tal-awtur, u materjal ieħor li huwa protett bid-drittijiet relatati[6]. Wara li t-terminu ta' protezzjoni jkun skada, xogħol jew materjal jaqa' fid-dominju pubbliku.

---

[4] Skont l-Artikolu 3(a) tad-Direttiva 2014/26/UE: "organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv" tfisser kwalunkwe organizzazzjoni li hija awtorizzata mil-liġi jew permezz ta' ċessjoni, liċenzja jew kwalunkwe arranġament kuntrattwali ieħor biex timmaniġġja d-drittijiet tal-awtur jew id-drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur f'isem aktar minn detentur tad-drittijiet wieħed, għall-benefiċċju kollettiv ta' dawk id-detenturi tad-drittijiet, bħala l-għan uniku jew l-għan prinċipali tagħha, u li tissodisfa wieħed mill-kriterji li ġejjin jew it-tnejn li huma: (i) tkun ipposseduta jew ikkontrollata mill-membri tagħha; (ii) tkun organizzata fuq bażi mingħajr skop ta' qligħ.
Is-CMOs huma partijiet ikkonċernati rilevanti tal-katina tal-valur tal-mużika rreġistrata fir-rigward tal-estensjoni tat-terminu billi jikkontribwixxu għal aspetti speċifiċi tal-implimentazzjoni prattika tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu meta jiġbru u jqassmu d-dħul li l-artisti tal-ispettakli u l-produtturi huma intitolati għalih, f'isimhom. Dan id-dħul jista' jkun ibbażat fuq l-użu ta' drittijiet esklużivi jew fuq id-drittijiet ta' rimunerazzjoni. Filwaqt li d-drittijiet esklużivi tal-artisti tal-ispettakli tipikament jiġu ttrasferiti lill-produtturi, is-CMOs tipikament jiġu fdati bl-immaniġġjar tad-drittijiet ta' rimunerazzjoni tal-artisti tal-ispettakli.

[5] Implementation of the Directive 2011/77/EU: copyright term of protection

[6] Filwaqt li t-terminu "drittijiet tal-awtur" ikopri d-drittijiet ekonomiċi u morali mogħtijin lill-awturi tax-xogħlijiet, "drittijiet relatati" huma d-drittijiet ekonomiċi u morali mogħtijin lill-artisti tal-ispettakli, lill-produtturi u lix-xandara fuq il-materjal speċifiku. Id-drittijiet relatati spiss jingħataw sabiex iħeġġu l-investiment u ma humiex soġġetti għal xi kundizzjoni ta' "oriġinalità" jew ta' "kreattività." Id-drittijiet morali ma humiex armonizzati skont il-liġi tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur.

Fil-livell internazzjonali, ġie introdott terminu minimu ta' protezzjoni għall-awturi fil-Konvenzjoni ta' Bern[7] u aktar tard għall-artisti tal-ispettakli, għall-produtturi tal-fonogrammi u għall-organizzazzjonijiet tax-xandir fil-Konvenzjoni ta' Ruma.[8] Skont it-Trattat tal-1996 tal-WIPO dwar id-Drittijiet tal-Awtur ("WCT", WIPO Copyright Treaty), l-istess terminu ta' protezzjoni japplika bħal dak li japplika skont il-Konvenzjoni ta' Berna għall-awturi[9]. It-Trattat tal-1996 tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO, World Intellectual Property Organization) dwar l-Interpretazzjonijiet, l-Eżekuzzjonijiet u l-Fonogrammi ("WPPT", WIPO Performances and Phonograms Treaty) stabbilixxa terminu ta' protezzjoni ta' 50 sena għall-artisti tal-ispettakli, li jibda jgħodd mill-aħħar tas-sena meta tkun saret l-aħħar fissazzjoni jew pubblikazzjoni rilevanti.[10]

Fl-UE, it-terminu ta' protezzjoni għall-awturi u għad-detenturi tad-drittijiet relatati ġie armonizzat għall-ewwel darba mid-Direttiva tal-Kunsill 93/98/KEE[11], segwita mid-Direttiva 2006/116/KE[12]. It-terminu ta' protezzjoni għad-drittijiet relatati kollha[13] ġie armonizzat għal 50 sena li jibdew jgħoddu mill-atti rilevanti ta' spettakli jew ta' fissazzjoni, mill-pubblikazzjoni leġittima, mill-komunikazzjoni lill-pubbliku leġittima jew mix-xandir.[14]

Id-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu, li emendat id-Direttiva 2006/116/KE, ġiet adottata fis-27 ta' Settembru 2011 u kellha tiġi trasposta mill-Istati Membri sal-1 ta' Novembru 2013[15].

Din estendiet it-terminu ta' protezzjoni għall-artisti tal-ispettakli u għall-produtturi fir-rigward tal-fissazzjonijiet ta' spettakli mużikali u tal-fonogrammi minn 50 għal 70 sena mill-ewwel pubblikazzjoni leġittima jew komunikazzjoni lill-pubbliku leġittima tar-reġistrazzjoni. Din l-estensjoni tat-terminu ta' protezzjoni tapplika għad-drittijiet esklużivi u ta' rimunerazzjoni mogħtija lill-produtturi tal-fonogrammi u lill-artisti tal-ispettakli fid-

---

[7] L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni ta' Bern għall-Protezzjoni ta' Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi jipprevedi protezzjoni ta' 50 sena wara t-tmiem tas-sena tal-mewt tal-awtur.

[8] L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ta' Ruma għall-protezzjoni tal-artisti tal-ispettakli, tal-produtturi tal-fonogrammi u tal-organizzazzjonijiet tax-xandir jipprovdi protezzjoni ta' 20 sena minn tmiem is-sena li fiha jkunu saru l-fissazzjoni, l-ispettaklu jew ix-xandir.

[9] L-Artikolu 1 tad-WCT

[10] L-Artikolu 17 tad-WPPT

[11] Id-Direttiva tal-Kunsill 93/98/KEE tad-29 ta' Ottubru 1993 li tarmonizza d-dewmien ta' protezzjoni ta' drittijiet tal-awtur u ċerti drittijiet relatati (ĠU L 290, 24.11.1993, p. 9). Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10).

[12] Id-Direttiva 2006/116/KE dwar il-perjodu ta' protezzjoni ta' drittijiet tal-awtur u ta' ċerti drittijiet relatati (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 12).

[13] Id-drittijiet relatati tal-produtturi tal-fonogrammi, tal-artisti tal-ispettakli u tal-organizzazzjonijiet tax-xandir

[14] L-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/98/KEE u d-Direttiva 2006/116/KE

[15] Id-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu, l-Artikolu 2(1)

Direttiva 2001/29/KE[16], fid-Direttiva 93/83/KEE[17] u fid-Direttiva 2006/115/KE[18], kif ukoll għall-kumpens ġust dovut skont ċerti eċċezzjonijiet previsti fil-liġi tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur.

Id-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu armonizzat ukoll it-terminu ta' protezzjoni għal kompożizzjonijiet mużikali bil-kliem filwaqt li ċċarat li għandu jiskadi 70 sena wara l-mewt tal-aħħar persuna superstita minn fost dawn li ġejjin: l-awtur tal-lirika u l-kompożitur[19].

Barra minn hekk, id-Direttiva introduċiet sett ta' miżuri ta' akkumpanjament essenzjalment immirati sabiex jiżguraw li l-artisti tal-ispettakli li jkunu ttrasferew jew assenjaw id-drittijiet esklużivi tagħhom lill-produtturi tal-fonogrammi jkunu jistgħu fil-fatt jibbenefikaw mill-estensjoni tat-terminu: (i) il-klawżola "tużah jew titilfu", (ii) ir-rimunerazzjoni supplimentari annwali u (iii) il-klawżola dwar rekord nadif (ara t-taqsima VI). Barra minn hekk, ġiet introdotta dispożizzjoni separata bħala miżura fakultattiva għall-Istati Membri li tippermetti lill-artisti tal-ispettakli jinnegozjaw mill-ġdid favurihom kuntratti li jintitolawhom għal pagamenti rikorrenti wara l-50 sena mill-pubblikazzjoni leġittima jew mill-komunikazzjoni lill-pubbliku leġittima tar-reġistrazzjoni.

Ta' min jinnota li aktar dispożizzjonijiet immirati lejn it-titjib tas-sitwazzjoni kuntrattwali tal-artisti tal-ispettakli ġew introdotti fid-Direttiva DSM (il-prinċipju ta' rimunerazzjoni xierqa u proporzjonali, l-obbligu ta' trasparenza, il-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-kuntratti, il-proċedura ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim u d-dritt ta' revoka). Dawn id-dispożizzjonijiet huma usa' mill-miżuri ta' akkumpanjament deskritti hawn fuq, u japplikaw kemm għall-awturi kif ukoll għall-artisti tal-ispettakli fis-setturi kreattivi.

## 2. Valutazzjoni tal-ħtieġa possibbli għal estensjoni tat-terminu ta' protezzjoni tad-drittijiet għall-artisti tal-ispettakli u għall-produtturi fis-settur awdjoviżiv

Id-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu ma estendietx it-terminu ta' protezzjoni għall-artisti tal-ispettakli u għall-produtturi awdjoviżivi. Dan ġie indirizzat f'Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ("SWD", Staff Working Document) tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2020, li vvaluta l-ħtieġa possibbli għal estensjoni tat-terminu ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-artisti tal-ispettakli u tal-produtturi fis-settur awdjoviżiv kif meħtieġ mill-Artikolu 3(2) tad-

[16] Id-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10)
[17] Id-Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE tas-27 ta' Settembru 1993 dwar il-kordinazzjoni ta' ċerti regoli dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati ma' drittijiet tal-awtur applikabbli għal xandir bis-satellita u ritrasmissjoni bil-cable (ĠU L 248, 6.10.1993, p. 15)
[18] Id-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 28)
[19] Id-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu, l-Artikolu 1(1)

Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu[20]. F'dan l-SWD, is-servizzi tal-Kummissjoni kkonkludew li l-evidenza disponibbli ma kinitx titlob estensjoni tat-terminu ta' protezzjoni tal-artisti tal-ispettakli u tal-produtturi tal-films fis-settur awdjoviżiv u indikaw li din il-kwistjoni se tiġi eżaminata wkoll fil-kuntest usa' tal-valutazzjoni tal-funzjonament tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu.

Għalhekk, sabiex jikkomplementaw l-analiżi mwettqa fl-2020, is-servizzi tal-Kummissjoni taw mandat lill-kuntrattur tal-Istudju sabiex jiġbor aktar evidenza dwar din il-kwistjoni. Il-kuntrattur wettaq stħarriġ online dedikat, intervisti u tiftix ibbażat fuq l-internet sabiex jiġbor sejbiet addizzjonali.

L-Istudju kkonferma l-informazzjoni ppreżentata fl-SWD tal-2020 tal-Kummissjoni fir-rigward tal-preżunzjonijiet legali dwar it-trasferiment tad-drittijiet u l-prattiki kuntrattwali fis-settur awdjoviżiv, bir-riżultat li d-drittijiet tal-artisti tal-ispettakli awdjoviżivi jkunu kkonċentrati aktar mal-produtturi milli mas-CMOs[21]. L-istudju analizza aktar id-dħul potenzjali marbut mal-isfruttar tal-films wara 50 sena minn meta jinħarġu sabiex jivvaluta aħjar il-ħtieġa għal estensjoni tat-terminu u l-benefiċċji possibbli tagħha. Id-data mill-ħruġ tal-films tindika li l-biċċa l-kbira tad-dħul mid-distribuzzjoni kummerċjali tal-films isseħħ fl-ewwel 3 snin wara li jinħarġu għall-ewwel darba. Il-films li għandhom aktar minn 50 sena huma disponibbli sa ċertu punt iżgħar fix-xandiriet televiżivi u fl-istazzjonijiet fuq talba; madankollu, ma hemm l-ebda data disponibbli dwar id-dħul iġġenerat minn dawn il-kanali ta' distribuzzjoni, li jagħmilha diffiċli li jiġi vvalutat bis-sħiħ id-dħul iġġenerat mill-isfruttar tal-films wara 50 sena. L-istudju wera wkoll li s-sehem ta' films antiki (ippubblikati bejn l-1970 u l-1980) fil-katalgi li s-CMOs jimmaniġġjaw f'isem l-affiljati tagħhom huwa pjuttost żgħir, u dan iwassal għal dħul marġinali riċevut mill-artisti tal-ispettakli għal tali films.[22]

L-istudju ma sab l-ebda evidenza ġdida li tikkontesta s-sejbiet preċedenti ppreżentati fl-SWD tal-2020 tal-Kummissjoni. Għalhekk, ir-riżultati tal-ġbir tal-evidenza komplementari ma jindikawx il-ħtieġa, f'dan l-istadju, li jiġi estiż it-terminu ta' protezzjoni tal-artisti tal-ispettakli u tal-produtturi tal-films fis-settur awdjoviżiv.

## III. TRASPOŻIZZJONI U IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA FL-ISTATI MEMBRI

L-Istati Membri kollha ttrasponew id-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu. L-iskadenza għat-traspożizzjoni kienet l-1 ta' Novembru 2013. Madankollu, xi Stati Membri kienu tard fit-traspożizzjoni tad-Direttiva u kellhom jinfetħu każijiet ta' ksur għan-nuqqas ta' komunikazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni.

[20] https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/library/staff-working-document-pursuant-reporting-obligation-laid-down-directive-201177eu-term-protection
[21] L-Istudju, il-paġni 91-94
[22] L-Istudju, il-paġni 94-103. Ara wkoll l-istudju reċenti ppubblikat mill-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew: "Heritage Films in Cinemas – a 2014-2023 analysis", b'mod partikolari l-islajd 15

L-istudju tal-PE eżamina t-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu f'seba' Stati Membri u qajjem mistoqsijiet speċifiċi fir-rigward ta' xi wħud mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu, primarjament l-interpretazzjoni tat-termini "ppubblikat leġittimament" u "kkomunikat leġittimament lill-pubbliku" rigward il-kalkolu tat-terminu ta' protezzjoni u jekk ir-remasters jistgħux jitqiesu bħala fonogrammi ġodda, kif ukoll mistoqsija dwar l-allinjament bejn it-terminu ta' protezzjoni għall-produtturi tal-fonogrammi u għall-artisti tal-ispettakli[23].

Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda lment dwar it-traspożizzjoni jew l-applikazzjoni mill-Istati Membri tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu sa minn meta daħlet fis-seħħ. Ma kien hemm l-ebda rinviju għal deċiżjoni preliminari minn kwalunkwe Stat Membru dwar id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu u, għalhekk, ma hemm l-ebda ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea relatata ma' din id-Direttiva.

L-Istudju sab li l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu kienet ġeneralment ta' suċċess, filwaqt li identifikat ukoll xi problemi fir-rigward tal-implimentazzjoni nazzjonali ta' dispożizzjonijiet speċifiċi, li dewmu l-applikazzjoni effettiva tar-regoli inklużi fid-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu[24]. Xi wħud minn dawn il-kwistjonijiet jirriżultaw minn mistoqsijiet relatati mal-liġi u mal-prattika nazzjonali dwar id-drittijiet tal-awtur, li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu u tar-regoli armonizzati fil-livell tal-UE. Minħabba li huma relatati mal-miżuri ta' akkumpanjament, b'mod partikolari l-klawżola "tużah jew titilfu" u r-rimunerazzjoni supplimentari annwali (jew "ASR", Annual Supplementary Remuneration), dawn il-kwistjonijiet speċifiċi huma spjegati fid-dettall hawn taħt (ara t-taqsima V).

Min-naħa l-oħra, l-istudju identifika wkoll prattiki nazzjonali speċifiċi (fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ASR, fatturi storiċi xekkiela u l-pożizzjoni ta' negozjar tal-artisti tal-ispettakli) f'diversi Stati Membri li għandhom il-potenzjal li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu.[25]

---

[23] L-Istudju tal-PE, il-paġni 15-16
[24] L-Istudju, il-paġna 81
[25] L-Istudju, il-paġni 116, 120, 122

## IV. L-IMPATT ĠENERALI TAL-ESTENSJONI TAT-TERMINU INTRODOTTA FID-DIRETTIVA TAL-2011 DWAR IT-TERMINU

L-għan ewlieni tal-estensjoni b'20 sena tat-terminu ta' protezzjoni għall-artisti tal-mużika u għall-produtturi tal-fonogrammi kien li jinżammu l-flussi tad-dħul eżistenti ta' dawn id-detenturi tad-drittijiet għal perjodu ta' żmien addizzjonali. Kif huwa indikat fil-memorandum ta' spjegazzjoni li jakkumpanja l-proposta leġiżlattiva, din kienet meħtieġa sabiex tittejjeb is-sitwazzjoni soċjali tal-artisti tal-ispettakli, b'mod partikolari sabiex tiġi indirizzata d-diskrepanza fl-introjtu li l-artisti tal-mużika jiffaċċjaw lejn tmiem ħajjithom[26], kif ukoll sabiex jiġi indirizzat it-telf fid-dħul tal-produtturi tal-fonogrammi li jirriżulta mill-piraterija u mill-isfidi relatati mad-distribuzzjoni diġitali.[27]

Huwa diffiċli li tiġi iżolata l-kontribuzzjoni tal-estensjoni tat-terminu għall-kisba ta' dawn l-għanijiet, peress li diversi fatturi importanti affettwaw is-suq tal-mużika mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu.

Id-diġitalizzazzjoni u l-popolarità dejjem akbar tal-konsum tal-mużika fuq talba permezz ta' servizzi ta' streaming tal-mużika wasslu għal bidliet importanti fis-settur tal-mużika rreġistrata peress li d-distribuzzjoni tal-fonogrammi fil-biċċa l-kbira ssir b'mod diġitali jew online, u b'hekk tiżdied id-disponibbiltà tal-mużika u tgħin lill-artisti tal-ispettakli u lill-produtturi jilħqu udjenzi usa'. Barra minn hekk, aktar u aktar artisti tal-ispettakli qed joħorġu l-mużika tagħhom huma stess fuq il-pjattaformi ta' streaming. B'riżultat ta' dan, minn meta daħlet fis-seħħ id-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu, filwaqt li aktar mużika saret disponibbli għall-utenti online, il-biċċa l-kbira tal-kanali l-oħrajn ta' distribuzzjoni f'formati analogi kważi sparixxew kompletament jew saru niċċa. Dawn ix-xejriet li qegħdin jinbidlu fl-industrija tal-mużika ma ġewx akkumpanjati minn żieda fil-prezz għall-mużika fil-formati diġitali, u kwalunkwe żieda fil-prezzijiet fil-formati analogi x'aktarx li sseħħ minħabba fatturi oħrajn lil hinn mill-kontenut kreattiv[28]. Madankollu, peress li l-biċċa l-kbira tal-formati analogi issa huma obsoleti jew ma humiex disponibbli b'mod wiesa', il-konsumaturi għandhom it-tendenza li jkollhom jerġgħu jixtru xi forma ta' aċċess diġitali għall-mużika li xi darba kienet parti mill-kollezzjonijiet privati tagħhom. Il-piraterija, għalkemm naqset f'dan l-aħħar deċennju[29], għadha ddgħajjef id-dħul tal-industrija tal-mużika.[30]

---

[26] Il-premessa 5 tad-Direttiva 2011/77/UE

[27] Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/116/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-terminu ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u ta' ċerti drittijiet relatati (COM(2008) 464 final) Memorandum ta' spjegazzjoni; Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Valutazzjoni tal-impatt fuq il-qagħda legali u ekonomika tal-mużiċisti u l-produtturi tad-diski fl-Unjoni Ewropea (SEC(2008) 2288), il-paġna 26.

[28] L-Istudju, il-paġni 52-54

[29] Skont ir-rapport tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO, European Union Intellectual Property Office) dwar "Trends in digital copyright infringement in the European Union" (2023), l-aċċessi piratati għall-kontenut tal-mużika ilhom f'livell kostanti minn nofs l-2020, li jiġi madwar 20 fil-mija tal-livell tal-2017.

[30] L-Istudju, il-paġna 55

Huwa importanti wkoll li jiġu kkunsidrati d-daqs u r-rilevanza għas-suq tal-katalgi koperti s'issa mill-estensjoni tat-terminu minn 50 għal 70 sena wara l-ewwel pubblikazzjoni tal-fonogramma. Sa dan l-aħħar, l-estensjoni pprovduta skont id-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu kienet ta' benefiċċju biss għar-reġistrazzjonijiet li ġew qabel is-snin 60. Hemm inqas reġistrazzjonijiet f'dawn ir-repertorji, u dawn tipikament huma inqas popolari llum il-ġurnata. Peress li aktar u aktar reġistrazzjonijiet mis-snin 70, mis-snin 80 u mis-snin 90 se jibbenefikaw mill-estensjoni tat-terminu ta' protezzjoni, l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu x'aktarx li se tirriżulta f'aktar dħul għad-detenturi tad-drittijiet rilevanti.[31]

L-ammont ġeneralment żgħir ta' data kwantitattiva disponibbli jinfluwenza wkoll il-valutazzjoni tal-impatti tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu. Minkejja dan, tista' ssir valutazzjoni kwalitattiva ġenerali bbażata fuq l-informazzjoni disponibbli.

L-20 sena addizzjonali ta' protezzjoni introdotti mid-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu, qarrbu t-terminu ta' protezzjoni tal-artisti u tal-produtturi tal-mużika fl-UE għat-terminu ta' protezzjoni applikat fl-Istati Uniti[32], li huwa suq ewlieni. Kien hemm ir-riskju li d-differenza preċedenti ta' 45 sena bejn it-terminu ta' protezzjoni fl-Istati Uniti u fl-UE tħalli impatt negattiv fuq id-diversità kulturali fil-mużika fl-UE billi tnaqqas l-inċentivi sabiex tinħoloq mużika għall-gosti Ewropej, minħabba d-dħul potenzjalment ogħla mis-suq tal-Istati Uniti.[33]

Billi naqqset dan id-distakk fil-protezzjoni u ppermettiet li titkompla l-kummerċjalizzazzjoni ta' fonogrammi aktar antiki, l-estensjoni tat-terminu kkontribwiet sabiex titrawwem id-diġitalizzazzjoni tar-repertorji affettwati. Il-fonogrammi mis-snin 60 kienu l-ewwel grupp ta' reġistrazzjonijiet li setgħu jibbenefikaw mill-estensjoni tat-terminu ta' protezzjoni. L-estensjoni tat-terminu ppermettiet lill-produtturi tal-fonogrammi jisfruttaw il-katalgu tal-passat tagħhom għal perjodu ta' żmien itwal u jkomplu jikkummerċjalizzawhom. Dan, flimkien mal-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq, ta inċentiv lill-produtturi sabiex jeqilbu f'forma diġitali dawn il-fonogrammi aktar antiki. Iż-żamma ta' dawn il-kanzunetti fil-katalgi, spiss bi kwalità tal-ħoss aħjar fil-format diġitali, għenet sabiex jiġi ġġenerat id-dħul. Din wasslet ukoll sabiex aktar mużika tkun disponibbli aktar faċilment għall-konsumaturi.[34]

L-istħarriġ li sar għall-finijiet tal-Istudju wera fehmiet diverġenti dwar l-impatt tal-estensjoni tat-terminu fuq il-fatturat tas-swieq nazzjonali tal-mużika fl-UE.[35] Il-produtturi tal-mużika u l-assoċjazzjonijiet tagħhom jaraw dan l-aspett speċifiku tad-Direttiva tal-2011

---

[31] Ara l-paġni 69, 73-74 u 110 tal-Istudju fejn diversi CMOs isemmu l-importanza tal-popolarità tar-reġistrazzjoni fir-rigward tad-dħul iġġenerat. Barra minn hekk, fir-rigward ta' xi Stati Membri, is-CMOs jistennew żieda fid-dħul marbuta mal-bidliet politiċi, legali u ekonomiċi li seħħew mill-bidu tas-snin 90.

[32] Fl-Istati Uniti, ir-reġistrazzjonijiet tal-ħoss igawdu minn protezzjoni ta' 95 sena li tibda tgħodd mill-ħolqien tagħhom (17 U.S.C. 302 (c))

[33] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Qagħda Legali u Ekonomika tal-Mużiċisti u l-Produtturi tad-Diski fl-Unjoni Ewropea, 2008, p. 19-20

[34] L-Istudju, il-paġna 79

[35] L-Istudju, il-paġna 58

dwar it-Terminu minn lenti pjuttost pożittiva, u xi wħud minnhom semmew li l-fonogrammi aktar antiki jistgħu jkomplu jiġġeneraw xi dħul. Is-CMOs għandhom opinjonijiet aktar varjati u l-artisti tal-ispettakli ma jarawx żieda kbira f'dak ir-rigward.

L-Istudju sab xejra ġenerali ta' titjib bejn l-2010 u l-2020 fir-rigward tal-evoluzzjoni tad-dħul totali distribwit kemm lill-artisti tal-ispettakli kif ukoll lill-produtturi tal-fonogrammi; madankollu, abbażi tad-data disponibbli, huwa diffiċli li jiġi injorat l-effett tal-estensjoni tat-terminu minn żviluppi legali u tekniċi oħrajn.[36] Skont xi wħud mis-CMOs intervistati, din iż-żieda ġenerali fid-dħul hija marbuta ma' aspetti oħrajn relatati mal-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet, bħall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Immaniġġjar Kollettiv tad-Drittijiet[37] u sistemi mtejbin ta' mmaniġġjar tad-drittijiet użati mis-CMOs.[38]

## V. MIŻURI TA' AKKUMPANJAMENT

Minbarra l-estensjoni tat-terminu ta' protezzjoni, id-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu introduċiet tliet settijiet ta' miżuri ta' akkumpanjament li japplikaw speċifikament għall-artisti tal-ispettakli għall-perjodu tal-estensjoni tat-terminu fl-Artikolu 1(2)(c) tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu. Dawn il-miżuri kellhom l-għan li jindirizzaw l-ispeċifiċitajiet tal-prattiki kuntrattwali fl-industrija tal-mużika, li permezz tagħhom dawn l-artisti tal-ispettakli jittrasferixxu jew jassenjaw id-drittijiet tagħhom lill-produtturi tal-fonogrammi meta jiffirmaw ftehim dwar id-diski, u bħala kumpens jirċievu royalties jew pagamenti ta' darba[39].

Il-miżuri inklużi fid-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu huma l-klawżola "Tużah jew Titilfu", ir-Rimunerazzjoni Supplimentari Annwali u d-dispożizzjoni ta' "Rekord Nadif". Fl-aħħar nett, id-Direttiva introduċiet miżura fakultattiva għall-Istati Membri li tippermetti lill-artisti tal-ispettakli jinnegozjaw mill-ġdid favurihom il-kuntratti ffirmati qabel Novembru 2013, "id-dritt li jinnegozjaw mill-ġdid"[40]. Dawn id-dispożizzjonijiet kollha huma applikabbli biss matul il-perjodu ta' estensjoni ta' 20 sena[41].

Il-fini ta' dawn il-miżuri ta' akkumpanjament huwa li jiġi żgurat li l-artisti tal-ispettakli, li d-drittijiet esklużivi tagħhom ikunu qegħdin jiġu sfruttati, ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-estensjoni tat-terminu, billi jtejbu r-rimunerazzjoni jew il-pożizzjoni kuntrattwali tagħhom fil-konfront tal-produtturi tad-diski.

---

[36] L-Istudju, il-paġni 63-64
[37] ID-DIRETTIVA 2014/26/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati u ħruġ ta' liċenzji multiterritorjali ta' drittijiet f'xogħlijiet mużikali għall-użu online fis-suq intern
[38] L-Istudju, il-paġna 65
[39] Għal aktar informazzjoni dwar il-prattiki kuntrattwali fis-settur tal-mużika, ara l-Istudju tal-2015 Remuneration of authors and performers for the use of their works and the fixations of their performances – L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE (europa.eu)
[40] L-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu
[41] Il-premessa 10 tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu

Id-Direttiva DSM introduċiet aktar dispożizzjonijiet fil-liġi tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur sabiex issaħħaħ il-pożizzjoni kuntrattwali tal-awturi u tal-artisti tal-ispettakli u tiżgura li jirċievu rimunerazzjoni ġusta meta jittrasferixxu jew jassenjaw id-drittijiet tagħhom tal-isfruttar[42]. Dawn id-dispożizzjonijiet ġew implimentati fl-Istati Membri kollha. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-effettività ta' dawn il-miżuri fil-kuntest tar-rieżami tad-Direttiva, li għandu jsir mhux qabel is-7 ta' Ġunju 2026, filwaqt li tqis il-fehmiet espressi mill-partijiet ikkonċernati affettwati[43].

Barra minn hekk, il-Kummissjoni dan l-aħħar ippubblikat studju sabiex teżamina l-prattiki kuntrattwali użati fis-setturi kreattivi (b'mod partikolari l-prattiki ta' akkwiżizzjoni) sabiex jiġu ttrasferiti d-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati mill-awturi, mill-artisti tal-ispettakli u mill-produtturi lil kontropartijiet kuntrattwali li jisfruttaw dawn id-drittijiet u sabiex tivvaluta l-impatt ta' prattiki bħal dawn fuq ir-rimunerazzjoni[44].

### 1. Il-klawżola "tużah jew titilfu"

L-Artikolu 1(2) c (il-paragrafu 2a l-ġdid) tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu jagħti d-dritt lill-artisti sabiex, taħt ċerti kundizzjonijiet, jitterminaw il-kuntratt tagħhom dwar it-trasferiment jew iċ-ċessjoni tad-drittijiet tagħhom lil produttur għall-isfruttar ta' fonogramma wara l-50 sena mill-pubblikazzjoni leġittima jew mill-komunikazzjoni lill-pubbliku leġittima tagħha, jekk il-produttur tal-fonogrammi jonqos milli joffri jew jagħmel disponibbli r-reġistrazzjoni fi kwantità suffiċjenti. Dan id-dritt ma jistax jiġi rrinunzjat mill-artist tal-ispettakli.

L-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li tiżdied is-setgħa ta' negozjar tal-artisti tal-ispettakli fl-isfruttar tar-reġistrazzjoni tal-ħoss matul il-perjodu tal-estensjoni tat-terminu billi, taħt ċerti kundizzjonijiet, jitħallew jitterminaw il-kuntratt ta' sfruttar tal-fonogrammi mal-produttur. Meta l-artist tal-ispettakli jinvoka l-klawżola "tużah jew titilfu" u d-drittijiet jerġgħu lura għandu, id-drittijiet tal-produttur fil-fonogramma jiskadu sabiex tiġi evitata l-eżistenza konġunta ta' dawk id-drittijiet.[45]

L-istudju wera li l-applikazzjoni prattika tal-klawżola "tużah jew titilfu" hija aktar ikkumplikata f'xi Stati Membri għal reġistrazzjonijiet li jinvolvu diversi artisti tal-ispettakli.[46] Skont id-dispożizzjoni rilevanti tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu,[47] ir-regoli għat-terminazzjoni ta' kuntratt li jinvolvi pluralità ta' artisti tal-ispettakli għandhom jiġu ddefiniti fil-liġi nazzjonali applikabbli. F'ċerti Stati Membri, il-liġijiet nazzjonali

---

[42] L-Artikoli 18 sa 23 tad-Direttiva (UE) 2019/790

[43] Ir-rapport riċenti "Streams and Dreams part 2" ta' D. Johansson jinkludi r-riżultati ta' stħarriġ dwar l-impatt tad-Direttiva DSM fuq l-artisti tal-ispettakli u l-mużiċisti tal-UE mwettaq minn AEPO-ARTIS u l-membri tagħha f'kollaborazzjoni mal-IAO.

[44] Studju dwar il-prattiki kuntrattwali li jaffettwaw it-trasferiment tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati u l-kapaċità tal-kreaturi u tal-produtturi li jisfruttaw id-drittijiet tagħhom, disponibbli fuq: Commission publishes study on contractual practices affecting the transfer of copyright and related rights | Shaping Europe's digital future

[45] L-aħħar sentenza tal-premessa (8) tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu

[46] L-Istudju, il-paġna 82

[47] Id-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu, l-Artikolu 1(2) c, ir-raba' sentenza

jeżiġu ftehim komuni bejn l-artisti tal-ispettakli sabiex jinvokaw il-klawżola "tużah jew titilfu" kontra l-produttur, u ftehim bħal dan jista' jkun diffiċli li jintlaħaq. L-istudju identifika wkoll ftit eżempji ta' dispożizzjonijiet legali nazzjonali li jiffaċilitaw l-użu tal-klawżola f'każijiet speċifiċi bħal dawn.[48]

Sfida speċifika oħra identifikata fl-istudju tikkonċerna r-reġistrazzjonijiet prodotti matul l-era komunista f'xi Stati Membri. Pereżempju, fir-Rumanija, reġistrazzjonijiet bħal dawn jappartjenu għall-patrimonju nazzjonali u, għalhekk, l-Istat Rumen biss jista' jieħu kwalunkwe deċiżjoni fir-rigward ta' dawk il-fonogrammi, u mhux l-artisti tal-ispettakli rilevanti.

Is-sejbiet tagħna jindikaw applikazzjoni limitata ħafna tal-klawżola "tużah jew titilfu" fil-prattika. Jidher li fi ftit każijiet biss ġew itterminati kuntratti skont din il-klawżola. Dan huwa dovut primarjament għall-bidliet fix-xejriet tad-distribuzzjoni u tal-konsum tal-mużika fl-aħħar deċennju u għall-prevalenza dejjem akbar tal-mudell ta' streaming. Fonogramma li ssir disponibbli fuq servizz ta' streaming tfisser li r-reġistrazzjoni tkun qed tiġi offruta jew issir disponibbli f'"ammont suffiċjenti ta' kopji" u għalhekk il-kundizzjonijiet sabiex tiġi invokata l-klawżola "tużah jew "titilfu" ma japplikawx.

L-Artikolu 22 tad-Direttiva DSM jipprevedi mekkaniżmu ta' revoka li għandu applikazzjoni usa' mill-Artikolu 1(2)(c) tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu peress li ma huwiex limitat biss għal kuntratti 50 sena wara l-pubblikazzjoni leġittima jew il-komunikazzjoni lill-pubbliku leġittima tal-fonogramma. Din id-dispożizzjoni mistennija ssaħħaħ il-pożizzjoni kuntrattwali għall-artisti tal-ispettakli kollha. Madankollu, l-Istati Membri għandhom ċertu flessibbiltà fl-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni l-ġdida: dawn jistgħu jeskludu ċerti xogħlijiet jew materjal mill-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' revoka jew jistabbilixxu li dan japplika biss f'perjodu ta' żmien speċifiku[49]. Kif imsemmi fl-istudju dwar il-prattiki kuntrattwali, diversi Stati Membri żiedu aktar dettalji sabiex jadattaw dan il-mekkaniżmu għall-ordinament ġuridiku nazzjonali tagħhom u r-regoli nazzjonali jvarjaw b'mod konsiderevoli[50]. Għalhekk, il-klawżola "tużah jew titilfu" tibqa' rilevanti għall-artisti tal-mużika peress li tipprevedi dritt irrinunzjabbli li jkun applikabbli matul il-perjodu ta' estensjoni tat-terminu.

## 2. Rimunerazzjoni Supplimentari Annwali

Skont l-Artikolu 1(2)(c) (il-paragrafi "2b", "2c" u "2d" il-ġodda) tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu, l-artisti tal-ispettakli huma intitolati li jirċievu dħul addizzjonali, ekwivalenti għal 20 % tad-dħul annwali derivat mill-produtturi għall-użu tal-fonogrammi matul il-perjodu ta' estensjoni. Din ir-rimunerazzjoni supplimentari titħallas permezz tad-dħul derivat mir-riproduzzjoni, mid-distribuzzjoni u mit-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-fonogramma matul is-sena ta' qabel.

[48] L-Istudju, il-paġni 122 u 123
[49] L-Artikolu 22(2) tad-Direttiva DSM
[50] L-istudju dwar prattiki kuntrattwali li jaffettwaw it-trasferiment tad-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati u l-kapaċità tal-kreaturi u tal-produtturi li jisfruttaw id-drittijiet tagħhom; il-paġni 195-197

Din ir-Rimunerazzjoni Supplimentari Annwali (l-"ASR") tapplika biss għal dawk l-artisti tal-ispettakli li jittrasferixxu jew jassenjaw id-drittijiet esklużivi tagħhom għal rimunerazzjoni mhux rikorrenti (tariffa fissa) bil-quddiem. Tipikament, dawn ikunu mużiċisti tas-sessjoni, li ma jkunux intitolati għal dħul ibbażat fuq il-perċentwal iġġenerat mis-suċċess sussegwenti potenzjali tax-xogħol tagħhom. Dan id-dritt ta' rimunerazzjoni mhux rinunzjabbli ma japplikax għal artisti tal-ispettakli li diġà jkunu intitolati għal pagamenti rikorrenti ("royalties") fuq id-dħul iġġenerat mill-ispettakli fissi tagħhom.

Is-CMOs biss jistgħu jiġbru u jamministraw l-ASR.[51] Wara li jkunu identifikaw ir-reġistrazzjonijiet eliġibbli u l-artisti tal-ispettakli fuq dawn ir-reġistrazzjonijiet li jkunu intitolati għall-ASR (tipikament jew abbażi tal-informazzjoni disponibbli għas-CMOs u/jew inkella miksuba mit-tikketti tad-diski), is-CMOs jiġbru dan id-dħul mill-produtturi tad-diski u jqassmuh lill-artisti tal-ispettakli eliġibbli. Id-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu tinkludi wkoll dispożizzjoni speċifika li teżiġi li l-produtturi tal-fonogrammi jipprovdu kwalunkwe informazzjoni meħtieġa relatata mal-pagament tal-ASR lill-artisti tal-ispettakli fuq talba tagħhom.[52]

Il-biċċa l-kbira tas-CMOs u tal-organizzazzjonijiet umbrella tal-UE intervistati fil-kuntest tal-istudju jqisu li l-ASR kellha l-akbar impatt fuq id-dħul tal-artisti tal-ispettakli fost il-miżuri introdotti mid-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu[53]. Id-data miġbura għaċ-Ċekja, in-Netherlands, il-Ġermanja, il-Polonja, il-Portugall, l-Iżvezja u Spanja turi żieda bil-mod iżda kostanti fil-ġbir tal-ASR. Din tindika li din l-iskema ta' rimunerazzjoni addizzjonali hija promettenti sabiex tipprovdi sors ta' dħul għall-artisti tal-ispettakli[54].

L-Istudju sab li l-ġbir u d-distribuzzjoni tal-ASR bdew biss dan l-aħħar f'diversi Stati Membri[55], li jindika li dan id-dewmien jirriżulta minn kwistjonijiet speċifiċi ta' implimentazzjoni marbutin mal-funzjonament tas-CMOs jew minn diffikultajiet sabiex jiġu identifikati d-detenturi tad-drittijiet f'fonogrammi antiki f'ċerti Stati Membri. Pereżempju, fis-Slovenja, is-CMOs bil-liġi jridu jikkonformaw ma' proporzjon kostijiet-benefiċċji għad-drittijiet li jimmaniġġjaw. Is-CMO rilevanti tqis li għalissa l-impatt antiċipat tal-ASR ikun baxx wisq sabiex jintlaħaq il-proporzjon imsemmi hawn fuq.[56] Fil-Polonja, il-produttur tal-kanzunetti rreġistrati fis-snin 60 u 70 kien il-kumpanija tad-diski li qabel kienet proprjetà tal-Istat, li ma għadhiex teżisti. Għalkemm tikketta tad-diski oħra issa għandha d-drittijiet sabiex tuża dawn il-fonogrammi, fil-Polonja t-terminu "produttur" japplika biss għall-entità li oriġinarjament irreġistrat il-fonogramma. Għalhekk, it-tikketti tad-diski li huma d-detenturi tad-drittijiet rilevanti ma humiex obbligati jħallsu l-ASR. [57]

[51] L-Artikolu 3, il-paragrafu 2d il-ġdid, tat-test ikkodifikat tad-Direttiva dwar it-Terminu
[52] L-Artikolu 3, il-paragrafu 2c it-tieni subparagrafu l-ġdid, tat-test ikkodifikat tad-Direttiva dwar it-Terminu
[53] L-Istudju, il-paġna 70
[54] L-Istudju, il-paġna 72, l-illustrazzjoni 20; ara wkoll "Performers' Rights Study Update 2022", AEPO Artis, il-paġna 71.
[55] L-Istudju, il-paġna 81
[56] L-Istudju, il-paġna 88
[57] L-Istudju, il-paġna 89

Fir-Rumanija, is-CMO li timmaniġġja l-ASR inħatret 3 snin wara t-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu.[58]

Irrispettivament mill-impatt tal-ASR meta mqabbel ma' miżuri oħrajn ta' akkumpanjament, is-CMOs u l-assoċjazzjonijiet tal-artisti tal-mużika jqisu li s'issa l-ASR kellha impatt limitat fuq id-dħul tal-artisti tal-ispettakli.[59] Minbarra l-kwistjonijiet imsemmijin hawn fuq li setgħu affettwaw il-ġbir u/jew id-distribuzzjoni tal-ASR f'diversi Stati Membri, dan jista' jiġi spjegat ukoll min-numru baxx ta' reġistrazzjonijiet koperti s'issa mill-estensjoni tat-terminu.[60] F'każijiet oħrajn, jista' jirriżulta wkoll mid-diffikultajiet fil-ksib tal-informazzjoni meħtieġ għall-kalkolu u għall-pagament tal-ASR[61]. L-Istudju tal-PE identifika wkoll din il-problema,[62] u indika soluzzjonijiet possibbli li jinvolvu kemm lill-produtturi tal-fonogrammi kif ukoll lis-CMOs[63]. Is-CMOs indikaw ukoll id-diffikultajiet sabiex jiksbu l-informazzjoni neċessarja mingħand il-produtturi, inkluż sabiex jidentifikaw l-artisti tal-ispettakli intitolati li jirċievu l-ASR[64]. L-iżviluppi teknoloġiċi attwali u l-użu tal-metadata rilevanti jistgħu jgħinu sabiex tittejjeb il-kondiviżjoni tal-informazzjoni neċessarja sabiex tiġi pprovduta l-ASR lill-artisti tal-ispettakli. F'konformità mal-Artikolu 1(2)(c), il-paragrafu 2c, tad-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jiffaċilitaw kooperazzjoni bħal din u l-iskambju ta' informazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti sabiex jiżguraw il-pagament tal-ASR.

Huwa mistenni li dawn id-diffikultajiet jiġu indirizzati sa ċertu punt mill-implimentazzjoni tal-obbligi ta' trasparenza stabbiliti mill-Artikolu 19 tad-Direttiva DSM. Din id-dispożizzjoni tmur lil hinn mir-rekwiżit ta' informazzjoni li diġà jeżisti fid-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu u għandha l-għan li tipprovdi informazzjoni aġġornata, rilevanti u komprensiva dwar l-isfruttar tax-xogħlijiet u tal-ispettakli rilevanti.[65] Minħabba l-ispeċifiċitajiet ta' setturi differenti tal-kontenut, bħas-settur tal-mużika[66], l-Istati Membri ma jistgħux japplikaw din id-dispożizzjoni fir-rigward ta' kontribuzzjonijiet mhux sinifikanti sakemm ma tkunx meħtieġa għall-finijiet tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-kuntratt skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva DSM[67].

L-ASR huwa dritt ta' rimunerazzjoni irrinunzjabbli u jista' jkun sors ta' dħul komplementari rilevanti għall-artisti tal-ispettakli fil-futur. Ir-rapporti riċenti dwar it-trasparenza mis-CMOs li jirrappreżentaw lill-artisti tal-ispettakli juru xejra pożittiva li turi titjib fl-ammnistrazzjoni u fil-pagament tal-ASR[68]. Ir-rimunerazzjoni distribwita lill-artisti

---

[58] L-Istudju, il-paġna 82
[59] L-Istudju, il-paġna 71
[60] L-Istudju, il-paġna 73
[61] L-Istudju, il-paġni 72, 85
[62] L-Istudju tal-PE, p. 7
[63] L-Istudju tal-PE, p. 47
[64] "Performers' Rights Study Update 2022", AEPO Artis, il-paġna 71.
[65] Dan se jindirizza wkoll it-tħassib li tqajjem fl-istudju tal-PE (il-paġna 27) fir-rigward tal-implimentazzjoni nazzjonali tar-rekwiżit ta' informazzjoni tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu
[66] Id-Direttiva DSM, il-premessa (77)
[67] L-Artikolu 19(4) tad-Direttiva DSM
[68] Ara pereżempju r-rapport ta' trasparenza tal-2023 mis-CMO Franċiża SAI Rapport-de-transparence-exercice-2023.pdf

tal-ispettakli x'aktarx li tiżdied għal fonogrammi popolari mis-snin 70 u 80 li se jibdew jibbenefikaw mill-estensjoni tat-terminu fis-snin li ġejjin.[69]

## 3. Id-dispożizzjoni ta' rekord nadif

Id-dispożizzjoni ta' "rekord nadif" stabbilita fl-Artikolu 1(2)(c) tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu (il-paragrafu 2e l-ġdid) teżiġi li r-royalties distribwiti lill-artisti tal-ispettakli għad-durata tal-perjodu ta' estensjoni jkunu ħielsa minn pagamenti bil-quddiem u minn kwalunkwe tnaqqis definit kuntrattwalment, li fl-aħħar mill-aħħar inaqqas id-dħul ta' dawk l-artisti tal-ispettakli. Din id-dispożizzjoni tkopri dawk l-artisti tal-ispettakli li ttrasferew jew assenjaw id-drittijiet tagħhom lill-produtturi tal-fonogrammi bi skambju għall-pagamenti ta' royalties u tippermettilhom jibbenefikaw minn żieda fir-rimunerazzjoni għat-terminu ta' protezzjoni estiż.

L-evidenza tissuġġerixxi li d-dispożizzjoni dwar rekord nadif ġiet implimentata fil-prattika permezz ta' termini kuntrattwali bejn it-tikketti tad-diski u l-artisti tal-ispettakli diġà qabel l-iskadenza tat-terminu ta' 50 sena.[70] L-istudju tal-PE indika l-kwistjoni potenzjali ta' deroga permezz ta' kuntratt bejn l-artisti tal-ispettakli u l-produtturi tad-diski mid-dispożizzjoni dwar rekord ġdid[71], skont kif l-Istati Membri ttrasponew din il-miżura; madankollu, l-Istudju ma sab l-ebda evidenza ta' tali prattika li sseħħ effettivament fl-Istati Membri koperti.

Minkejja l-evidenza limitata miġbura, id-dispożizzjoni dwar rekord nadif hija salvagwardja importanti għall-artisti tal-ispettakli sabiex jiżguraw li jibbenefikaw bis-sħiħ mit-terminu estiż ta' protezzjoni permezz tal-pagament ta' royalties mingħajr tnaqqis wara li jgħaddu l-ewwel 50 sena ta' protezzjoni.

## 4. Id-Dritt ta' Negozjar mill-Ġdid

L-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu huwa dispożizzjoni fakultattiva li tippermetti lill-Istati Membri jagħtu lill-artisti tal-ispettakli d-dritt li jinnegozjaw mill-ġdid favurihom il-kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Novembru 2013 wara 50 sena mill-pubblikazzjoni tar-reġistrazzjoni. Jidher li Franza biss implimentat din il-miżura, għalkemm tali "dritt ta' negozjar mill-ġdid" diġà kien jeżisti mill-inqas fi Stat Membru wieħed[72] sal-mument tal-adozzjoni tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu. Ma hemm l-ebda evidenza disponibbli dwar l-użu ta' dan id-dritt fil-prattika.

Barra minn hekk, f'dan il-każ ta' min jinnota li l-Artikolu 20 tad-Direttiva DSM fih dispożizzjoni li għandha għan simili bħad-"dritt ta' negozjar mill-ġdid". Dan jintroduċi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-kuntratt li jippermetti lill-awturi u lill-artisti tal-ispettakli jew lir-rappreżentanti tagħhom sabiex, taħt ċerti kundizzjonijiet, jitolbu rimunerazzjoni addizzjonali f'każ li r-rimunerazzjoni miftiehma oriġinarjament tirriżulta li tkun baxxa b'mod sproporzjonat meta mqabbla mad-dħul rilevanti sussegwenti. Peress li din id-

[69] L-Istudju p. 74
[70] L-Istudju, p. 77
[71] L-istudju tal-PE, il-paġna 50
[72] Pereżempju fil-Ġermanja

dispożizzjoni aktar reċenti hija obbligatorja għall-Istati Membri, fil-prattika tista' tiġi applikata aktar spiss mid-"dritt ta' negozjar mill-ġdid" skont id-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu.

## VI. Konklużjoni

B'mod ġenerali, bl-introduzzjoni ta' perjodu addizzjonali ta' protezzjoni għall-produtturi u għall-artisti tal-ispettakli fis-settur tal-mużika, flimkien ma' miżuri speċifiċi ta' akkumpanjament, id-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu ssodisfat l-objettivi ġenerali ("il-promozzjoni tal-produzzjoni tal-mużika fl-Ewropa") u speċifiċi tagħha ("il-kontribuzzjoni għat-titjib tal-benesseri tal-artisti fl-industrija tal-mużika"; "il-kontribuzzjoni għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-industrija tal-mużika Ewropea"; "iż-żieda tar-repertorju mużikali disponibbli").[73]

Filwaqt li diffiċli li jiġi iżolat l-impatt ekonomiku tal-estensjoni tat-terminu ta' protezzjoni fis-settur tal-mużika, l-evidenza miġbura wriet li din ippermettiet li jiġi żgurat l-isfruttar kontinwu ta' fonogrammi aktar antiki u r-rimunerazzjoni tal-artisti tal-mużika għall-isfruttar tal-ispettakli preċedenti tagħhom anke meta jilħqu età akbar, u b'hekk tgħin sabiex tittejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom.

L-estensjoni tat-terminu kkontribwiet ukoll għaż-żamma tal-flussi tad-dħul għall-produtturi tal-fonogrammi għall-isfruttar ta' katalgi antiki. Din tħeġġeġ id-diġitalizzazzjoni ta' reġistrazzjonijiet antiki li issa jistgħu jiġu sfruttati wkoll permezz ta' servizzi ta' distribuzzjoni diġitali tal-mużika u tikkontribwixxi għad-disponibbiltà aktar mifruxa tal-mużika Ewropea.

Huwa mistenni wkoll li l-estensjoni tat-terminu jkollha impatt aktar b'saħħtu fuq id-dħul tal-artisti u tal-produtturi tal-mużika fil-futur qarib, meta l-kanzunetti popolari minn ġeneri mużikali differenti mill-aħħar tas-seklu 20 se jibdew jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu. Dan il-fenomenu mistenni jkun akkumpanjat minn rata ogħla ta' ġbir u ta' distribuzzjoni li tapplika għar-Rimunerazzjoni Supplimentari Annwali, li mistennija tkompli ttejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tal-artisti tal-ispettakli.

Abbażi tal-evidenza disponibbli, il-miżuri ta' akkumpanjament l-oħrajn inklużi fid-Direttiva tal-2011 dwar it-Terminu ("tużah jew titilfu", "rekord nadif" u "dritt ta' negozjar mill-ġdid") jidhru li għandhom impatt inqas milli mistenni. Madankollu, jipprovdu lill-artisti tal-ispettakli b'salvagwardji importanti fir-relazzjonijiet kuntrattwali tagħhom mal-produtturi, fir-rigward tal-isfruttar tad-drittijiet tagħhom u tar-rimunerazzjoni dovuta matul it-terminu ta' protezzjoni estiż. Huwa mistenni li d-dispożizzjonijiet dwar ir-rimunerazzjoni tal-kreaturi tad-Direttiva DSM jikkontribwixxu aktar sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni ta' negozjar tal-artisti tal-ispettakli.

[73] Valutazzjoni tal-Impatt, p. 26

Abbażi ta' din il-valutazzjoni, ma jidhirx li hemm bżonn ta' reviżjoni ulterjuri tad-Direttiva 2006/116/KE. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-evoluzzjoni tas-suq Ewropew tal-mużika. Se tivvaluta l-impatti tad-dispożizzjonijiet dwar ir-rimunerazzjoni ġusta inklużi fid-Direttiva DSM fil-kuntest tar-rieżami ta' dik id-Direttiva, li għandu jsir mhux qabel is-7 ta' Ġunju 2026.